KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 27_18/01/08/V

## MINUTI TAS-SEBA U GĦOXRIN SEDUTA

**Is-seba u għoxrin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **il-Ġimgħa 18 ta' Jannar 2008** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech** |
| **Deputat Segretarju :** | **Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-4.15pm b'din l-agenda:

1. **Qari u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduti 26_5/12/07**
2. **Materji konessi mal-minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mill-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti (seduta 27_18/01/08)**
6. **Deċiżjoni dwar it-*tenders* għall-manutenzjoni tas-*soft areas* – Żona A, B, u Ċ**
7. **Affarijiet Oħra**

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI SEDUTA NUMRU 26_5/12/2007

Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija u ġew proposti mill-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis u ssekondati mill-kunsillier J. Galea u ġew approvati mill-kunsilliera kollha.

*Il-kunsilliera M. A. Azzopardi ġiet skużata mis-seduta fl-4.20pm*



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

**2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis fakkar li l-mera fi Triq Dingli ma' Norfolk kienet għada ma' twaħħlitx. Fakkar ukoll dwar iż-*zebra crossing* ta' Triq il-Kulleġġ l-Antik. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din se ssir.

*Il-kunsilliera M. Azzopardi daħlet lura fis-seduta fl-4.30pm*

2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li, kif kien ġie deċiż fl-aħħar seduta (punt 3.10 ta' l-aħħar seduta), iltaqa' ma' l-avukat kif ukoll ma' l-*accountant* tal-Kunsill dwar l-ammont dovut lill-perit Chris Spiteri. L-ammont dovut huwa ta' € 2394.57 (Lm1027.99). Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-avukat Ivan Gatt ġibed l-attenzjoni, li minkejja li l-perit Spiteri naqas diversi drabi mir-responsabbilitajiet tiegħu l-Kunsill naqas għall-fatt li qatt ma' informa lill-perit Spiteri bil-miktub li kellu jitterminalu l-kuntratt u li l-Kunsill kellu jqabbad perit ieħor għal xogħlijiet fit-toroq li kienu saru. L-avukat tal-Kunsill issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikteb bla preġudizzju fejn nitolbu li l-ammont dovut jinqassam b'ħamsin fil-mija, u li f'każ dan ma jaqbilx il-Kunsill ikollu jirreferi l-każ għall-albittraġġ. Il-kunsillier M. Debono qal li l-Kunsill għandu jkellem lill-perit Chris Spiteri qabel ma' jibgħat din l-ittra. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li għandhom jaraw jekk il-Perit Spiteri jaqbilx ma' din il-proposta, qabel ma' l-Kunsill jikkommetti ruħu bil-miktub.

*Il-kunsillier N. Dimech daħal fis-seduta fl-4.40pm*

**3. KORRISPONDENZA U KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU/SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill bil-korrispondenza li bagħat lill-MEPA dwar PA 2752/07 - *Fort Cambridge* minħabba li kienet reġgħet ġiet sottomessa l-applikazzjoni. Informa wkoll li f'din il-ġurnata stess (18/01/08) il-Kunsill irċieva l-*Environmental Planning Statement* (EPS) rivedut. Is-Segretarju Eżekuttiv qassam kopja ta' dan id-dokument permezz ta' DVD lill-kunsilliera kollha.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għad-diversi ilmenti li l-Kunsill kellu dwar il-ġbir ta' l-iskart. F'dawn l-aħħar laqgħat tal-Kunsill stess, issemmgħu diversi ilmenti bħal:- il-kuntrattur mhux qiegħed iżomm mal-ħin stipulat fil-kuntratt, qiegħed jagħmel xi *piling* f'ċertu inħawi, il-vetturi mhux kollha għandhom l-emblema tal-Kunsill u diversi ilmenti oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv qara wħud mill-ittri li diġa kien bagħat lill-kuntrattur *Transline Co. Ltd,* fejn uħud minnhom kienu *default notices.* Il-Kunsill qabel li għandu jinżamm ħamsa fil-mija (5%) mill-kont ta' Diċembru, 2007, filwaqt li tinkittiblu ittra fejn tavżah li dawn l-affarijiet jistgħu jressquh sabiex il-kuntratt jiġi terminat.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' ftit tagħrif lill-kunsilliera dwar il-laqgħa li kienet saret fuq il-viżjoni għall-Forti Sant'Iermu u l-Port ta' Marsamxett imħejji mil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informatika. Il-Kunsill għandu jinforma bil-miktub il-fehmiet sat-22 ta' Frar, 2008. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li se jiddiskutu s-suġġett relatat *Sliema Transport Action Plan* iżjed tard waqt din is-seduta.

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar il-kwotazzjonijiet li kien qiegħed jiġbor, għall-possibbilita' ta' *skateboarding area.* Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar dwar l-istima tal-*fencing* kienet diġa tammonta għal €13,468.44 (Lm5782), filwaqt li kien hemm diversi prezzijiet oħra dwar l-*equipment.* Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li għadu ma

rċeviex risposta mill-Ministeru għall-Infrastuttura sabiex tingħata l-għajnuna finanzjarja. Il-Kunsill ra li din se tiġi spiża għolja.

*Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis ġie skużat mis-seduta fl- 4.55pm*

*Il-kunsillier J. Galea ġie skużat mis-seduta fl-4.58pm*

Il-Kunsill qabel li għandu jara l-possibbilta` li *Sliema Playing Field* ikollha estensjoni għal *toddler area.* Il-kunsillier M. Debono issuġġerixxa li għandu jinżel *on site* sabiex il-Kunsill jara l-aħjar possibbilta'. Il-kunsillier N. Dimech issuġġerixxa li tista ssir *playing area* għat-tfal żgħar fejn ikollhom l-opportunita` jilgħabu *football* jew *basketball.* Il-Kunsill qabel li għandu jġib stimi għar-*rubber tiling* u *fencing*, kif ukoll għal żewġ lasti għal *football* u l-*basketball ring.*

Daħlu l-Viċi Sindku u l-kunsillier J. Galea lura fis-seduta fil-5pm

Fuq dan il-punt il-Kunsill qabel li għandu jikteb lis-*Sliema Bocci Club* fejn jissuġġerilu biex jibni l-*pitch* fl-area ta' Qui-Si-Sana. Il-Viċi Sindku rrimarka li diġa kien ġew infurmati verbalment iżda ma' laqawx din it-talba minħabba li ma' kienx hemm lattrina pubblika. Il-Kunsill għandu jibgħat bil-miktub, xorta waħda.

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għad-deċiżjoni li l-Kunsill kien ħa li għandu jorganizza kors tal-kompjuter ta' livell bażiku għal tletin ruh. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill kellu domanda ħafna ikbar. Il-Kunsill qabel li għandu jżid fl-ammont ta' nies. Sadanittant is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta żewġ stimi minn għand *TCTC* u *Malta Institute for Computer Science* fejn tat-*TCTC* hija l-orħos u l-aħjar offerta. Il-Kunsill qabel li għandu jkompli dawn il-korsijiet ma' *TCTC.*

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien kiteb lill-*Faces Displays Ltd* dwar il-*bus shelter* li tpoġġiet quddiem *Marks and Spencer* ix-Xatt, fejn qal ukoll li sa llum għadu ma' rċeviex risposta bil-miktub x'kienet ir-raguni. Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis qal li l-informazzjoni li kellu, kienet li l-*bus shelter* tpoġġiet hemm minħabba li kellhom jinqalgħu t-*telephone coin boxes* pero baqgħu ma' inqalgħux. Minn naħa l-oħra s-Segretarju Eżekuttiv qal li ma setax jinforma bil-miktub lill-*Faces Displays Ltd* bir-raġuni li kien inżamm ċekk numru 9174 tas-seduta 26_5/12/07, għall-fatt li l-ħlas ma' kienx dwar il-*bus shelter* imsemmija. Madankollu, il-Kunsill qabel li għandu jibqa jżomm l-istess pagament.

*Il-kunsillier N. Dimech ġie skużat mis-seduta fil-5.15pm*

Fuq dan il-punt il-Kunsill qabel li għandu jneħħi t-*telpehone booth* tas-Shigo mix-Xatt kantuniera ma' Triq Bisazza.

*Il-kunsillier N. Dimech daħal lura mis-seduta fil-5.20pm.*

3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-avviż dwar laqgħa pubblika li kien sar fl-aħħar magazine 'Tas-Sliema' kif kien deċiż fl-aħħar seduta tal-Kunsill dwar is-*Sliema Transport Action Plan.* Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-unika risposta kienet minn *Qui-Si-Sana Residents' Association.* Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera wkoll għad-diversi punti li ntqalu fil-laqgħa li saret fis-17 ta' Jannar, 2008 l-ADT. Kien hemm diversi kommunikazzjonijiet dwar dan is-suggett fosthom:

Il-kunsillier M. Briguglio semma' il-problema tal-*pollution.* Il-kunsillier M. Debono qal li l-pjanta hija izjed konċentrata fuq l-immaniġjar tat-traffiku minn dak ta' l-iżvilupp ambjentali u urbani. Il-kunsillier M. Debono ssuġġerixxa li għandha ssir *bus terminus underground*, għal raġuni li jkun hemm iżjed parkeġġ u l-veduta ma tiġix imħassra minħabba l-karozzi tal-linja. Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis ma qabilx li l-mina għandha tkun *two way*. Is-Sindku M. Arrigo qalet li l-Kunsill għandu jiltaqa` ma' l-Assoċazzjonijiet konċernati.

*Daħal fis-seduta l-kunsillier L. Vella fil-5.45pm.*

Il-Kunsill kompla jiddiskuti dwar Triq Bisazza, jekk għandiex tigi *pedestrianised* jew le. Il-kunsillier J. Galea ssuġġerixxa li tista ssir b'ċertu ħinjiet, iżda l-Kunsll ma' qabilx. Il-Kunsill issuġġerixxa wkoll li Triq it-Torri (in-naħa t'isfel) għandha tiġi *one-way* 'l isfel. Is-Segretarju Eżekuttiv reġa ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jagħti l-kummenti tiegħu sat-22 ta' Frar, 2008.

Wara diversi komunikazzjonijiet l-Kunsill qabel ma' dan li ġej:

1. Ma jgħaddux vetturi kbar anke l-karrozzi tal-linja minn Triq it-Torri, dan sabiex jiġi evitat il-*pollution.*
2. Titwessa' il-bankina ta' Triq it-Torri (il-parti t'isfel) kif ukoll jitneħħa l-parkeġġ.
3. Il-*buses* u l-*coaches* jgħaddu mix-Xatt u minn taħt it-*tunnel.*

Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jiltaqa' ma' l-Assoċjazzjonijiet u awtoritajiet konċernati fis-7 ta' Frar, 2008 fil-5 ta' filgħaxija l-Kunsill. Sabiex il-Kunsill ikun jista jagħti r-risposta tiegħu sat-22 ta' Frar, 2008 il-membri preżenti qablu li laqgħa tal-Kunsill tiġi msejħa ġimgħa qabel, fit-13 ta' Frar, 2008 fl-4pm. Il-Kunsill qabel li għandu jġib l-avviżi fuq il-gazzetti kollha li joħorġu l-Ħadd. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu javża lill-MEPA, l-ADT lis-Sur Mark Portelli tal-MIIT b'din il-laqgħa fejn jitlob għall-attendenza tagħhom.

*Il-kunsillier J. Galea ġie skużat mis-seduta fis-6.25pm*

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-komunikazzjoni mill-avukat tal-Kunsill fejn informa li s-suspensjoni ta' permessi ta' krejns fiż-żmien il-Milied u fiż-żmien is-Sajf, ma tistax tiġi infurzata l-liġi. Il-Kunsill qabel li għandu jnaqqas iż-żmien miżmum għall-permessi għall-ġimgħa fiż-żmien is-Sajf u ġimgħa fiż-żmien il-Milied u mhux kif kien għal tlett ġimgħat.

*Il-kunsillier J. Galea daħal lura fis-seduta fis-6.40pm*

3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għat-talba mill-*Malta Maritime Authority* dwar installazzjoni ta' tabelli u *CCTV cameras*, ix-Xatt għas-Sigurta` u infurzar ta' liġi għal skopijiet marittimu. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar it-talba mill-Azzjoni Nazzjonali sabiex jiltaqgħu mal-Kunsill dwar preżentazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' miegħu kif jagħmel ma' diversi għaqdiet oħra. Is-Sindku M. Arrigo ġibdet l-attenzjoni tal-kunsilliera li jekk issir din il-laqgħa għandhom jiġu l-membri tal-Kunsill kollha. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa` ma' l-Alleanza Nazzjonali nhar l-Erbgħa 13 ta' Frar, 2008 fit-3pm qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

*Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-6.45pm.*

3.11 Korrispondenza minn *Leon Promotions* sabiex tiġi organizzata attivita` għall-karnival. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan, u semma' l-possibbilta` li tiġi organizzata attivita` għal żmien l-Għid.

3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv talab għall-awtorizzazjoni biex tingħata lilu u lis-Sindku M. Arrigo sabiex ikun jistgħu jgħaddu l-pagi permezz ta' *direct debit.* Filwaqt li jkunu jistgħu jiġu stampati l-*istatements* tal-kontijiet tal-Kunsill biex b'hekk jiġu evitati *charges*. Il-kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jaħdem bl-aħjar mod.

3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv informa bir-risposta li ntbagħtet mill-Kummissarju tal-Pulizija dwar ir-roti fuq il-*promenade*. Il-Kummissarju informa li l-*promenade* mhux post fejn għandhom jinsaqu r-roti minħabba l-periklu. Il-Kunsill għandu jagħmel *lane* apposta jekk iħoss il-ħtieġa jew jagħmel tabelli konċernati fuq il-*promenade* li s-sewqan tar-roti huwa projbit. Madankollu qal ukoll li dak li kitteb huwa suġġett li jiġi ċċekkjat mal-liġijiet aktar fil-fond.

Il-laqgħa ġiet sospiża fejn il-Kunsill kompla b'item 6 ta' l-Agenda.

## 6. DEĊIŻJONI DWAR IT-*TENDERS* TAS-*SOFT AREAS* – ŻONI A, B u Ċ

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta d-dokumenti tat-*tenders* li ġew mitfugħa fis-6 ta' Diċembru, 2007. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera wkoll għad-dokumenti li ntbagħtu ma' l-agenda u l-minuti lill-kunsilliera dwar din l-istess *tender.* L-offerti kienu dawn:

**Żona A – Inner soft areas**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Environmental Landscapes Consortium | Option 1 – €9755.40 (Lm 4188) | Option 2 – All Zones €58234.33 (Lm25,000) | All prices include man. Fee and VAT |
| Mr Christopher Bezzina | €11879.43 (Lm5100) | | All prices include man. Fee and VAT |

**Żona B – Ix-Xatt**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Environmental Landscapes Consortium | Option 1 – €14828.79 (Lm 6366) | Option 2 – All Zones €58234.33 (Lm25,000) | All prices include man. Fee and VAT |

**Żona Ċ – Ġnien Indipendenza, *Promenade* u l-Ġnien ta' Qui-si-Sana**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Environmental Landscapes Consortium | Option 1 – €74,488.71 (Lm 31,978) | Option 2 – All Zones €58234.33 (Lm25,000) | All prices include man. Fee and VAT |

Il-Kunsill irrimarka li ma tantx hemm għażla. Madankollu, il-Kunsill qabel li t-*tender* għandha tingħata lill-*Environmental Landscapes Consortium* b'kundizzjoni li għandhom

iwaħħlu tabelli f'kull area konċernata, fejn jindikaw li l-kumpanija tagħhom hija responsabbli tal-manutenzjoni u li s-*soft areas* huma taħt il-kontroll tagħhom.

*Il-kunsillier M. Briguglio ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-7.05pm.*

*L-agenda titkompla bil-komunikazzjonijiet item numru 3.*

3.14 Għal dan is-suġġett is-Sindku M. Arrigo talbet li ma tieħux parti minn din id-deċiżjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kellu talba mis-*Sliema Wanderers* sabiex il-ktieb ikollu 12-il paġna oħra mal-mitt paġna. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie infurmat verbalment li dan se jammonta madwar € 116.47 (Lm50), madankollu għadu qiegħed jistenna stima bil-miktub. Il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta, iżda l-ispiża ma tkunx aktar minn €116.47 (Lm50) u li ma għandux ikun hemm talba oħra għal aktar paġni. Il-Kunsill reġa insista li fil-ktieb għandu jkun hemm indikat li huwa ġie ppubblikat mil-Kunsill (bil-kollaborazzjoni tas-*Sliema Wanderers*), bl-emblema tal-Kunsill li se tidher fuq il-qoxra ta' wara tal-ktieb u li jkun hemm miktub *Not For Sale*. Il-Kunsill qabel ukoll li d-*draft copy* ta' dan il-ktieb għandu jiġi approvat mill-Kunsill qabel ma' jintbagħt għal *printing.*

3.15 Talba għar-*reserved parking* fix-Xatt ta' Tigne' (Referenza 1724) Il-Kunsill ma' qabilx ma' din it-talba, fejn irrimarka wkoll li hemm waħda fil-viċinanza.

3.16 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li se tiskadi l-ewwel sena tas-servizz tat-trasport ċirkolari, mogħti mis-*Supreme Travel Ltd*, nhar il-11 ta' Frar, 2008. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz miexi b'mod tajjeb u għandu jerġa jiġġedded għal sena oħra.

*Il-kunsillier J. Galea ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-7.15pm*

3.17 Talba mis-Sur Tony Vella dwar maratona fuq il-UTV bis-suġġett 'il-fqir jagħmel parti mill-familja tagħna', sabiex il-Kunsill jipparteċipa għal din il-maratona. Il-Kunsill ma' qabilx ma' dan.

3.18 Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar żewġ stimi sabiex jinbiddlu l-*cradle seats* li jinsabu fi Ġnien ta' Qui-Si-Sana u Ġnien Indipendenza. Il-Kunsill qabel li għandu jġib l-aħħar stima u jipproċedi bl-aħjar waħda li l-prezz jinkludi l-installazjoni wkoll.

3.19 Talba mill-*Malta Union Tourist Guides* sabiex jitwaħħlu tabelli li jindikaw jekk hux it-*tourist guide* liċenzjat. Il-Kunsill ma' qabilx li dawn għandhom jitwaħħlu f'Tas-Sliema.

3.20 Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar ix-xogħlijiet li qegħdin jitwettqu mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Il-Kunsill qabel li għandhom jagħmlu żewġ toroq kull darba, u mhux jiftħu kull triq li jikkawża għeluq fit-toroq mingħajr ma' jikkonsultaw mal-Kunsill.

3.21 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sur Joe Pace Ross qiegħed jagħmel xi żvilupp fi Triq Amery. Is-Sur Pace Ross informa lill-Kunsill li kull ma qiegħed jibni huma, żewġ appartamenti għalih u għat-tifel tiegħu, madankollu l-permess tal-MEPA qiegħed jindika żvilupp bi tlett appartamenti u *penthouse*. Is-Sur Pace Ross talab għall-permess biex jigi armat *tower crane* fi Triq Amery. Il-Kunsill ma' qabilx li għandu jitpoġġa dan it-*tower crane*, minħabba li ma jarax raġuni valida li kull m'hemm x'jinbena, skond it-talba tiegħu, żewġ appartamenti. Kif ukoll għar-raġuni li hija waħda mit-toroq prinċipali u hemm *supermarket* f'dik il-parti tat-triq. Il-Kunsill qabel li dan għandu jagħmel il-permessi bħal kull kuntrattur ieħor li qiegħed jagħmel xi żvillupp kummerċjali,

madankollu għandu l-ewwel jitlob kopja tal-pjanti maħruġa mill-MEPA, kif ukoll ittra mill-MEPA fejn tiddikjara li s-Sur Pace Ross se jtella' biss żewġ appartamenti u mhux għal skop kummerċjali.

**4. MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija oħra mill-kunsilliera.

**5. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAS-SEDUTI 27_18/01/08**

5.1 Il-Kunsill ġie infurmat li kien hemm differenza fl-ammonti ta' ċekkijiet bin-numru 9195, 9205, 9223 u 9234 minħabba żbalji numerikali. Għall-beneffiċċju tal-kunsilliera tqassmu mill-ġdid kopji konċernati ta' l-iskeda tal-pagamenti. Il-kunsillier N. Dimech ippropona u l-kunsillier L. Vella issekonda li l-pagamenti tas-seduta 27_18/01/08 minn ċekk numru 9175 sa 9251 (minbarra ċekk numru 9241) jiġu approvati. Ċekk numru 9241 f'isem *Transline Co. Ltd* ma' ġiex approvat għal raġuni msemmija f'punt 3.2 ta' din l-istess seduta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

*Il-kunsillier N. Dimech ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-7.30pm*

**7. AFFARIJIET OĦRA**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kellna talba mill-librarian Ms Therese Attard Previ għal numru ta' kotba sabiex jintużaw fil-*Librerija Margaret Mortimer*. Il-Kunsill qabel ma' dan. Kien hemm talba għall-enċeklopedija tal-kullana kulturali, iżda l-Kunsill ma' setax jilqa' din it-talba.

7.2 Il-Kunsill ġie infurmat li saret laqgħa ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ir-riforma ta' l-iskart. Fejn ġie diskuss il-fatt jekk il-kunsill jaqbilx li jkun responsabbli kemm għal ġbir ta' l-iskart domestiku kif ukoll għal dak kummerċjali. L-AKL għaddejja b'diversi komunikazzjonijiet mal-GRTU fejn l-AKL għandhom jinfurmaw il-Kunsilli konċernati b'aktar dettalji. Il-Kunsill m'huwiex f'pożizzjoni li jiddeċiedi qabel ma' jkollu informazzjoni aktar konkreta.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.45pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għat-13 ta' Frar, 2008 fl-4pm.

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**